**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 70/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Vincent Abela**

Illum, 25 ta' Novembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Vincent Abela, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 415480(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

i) Nhar is-7 ta' Mejju 2020, għall-ħabta ta' 08:00hrs, waqt li ġewwa l-Għorfa Sqaq Blat, Triq Qortin, Zurrieq u fil-Gzejjer Maltin, bħala persuna li għandha liċenzja biex izzomm jew biex ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjoni, ma zammewx fil-kustodja tiegħu l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu f'idejn ħaddieħor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 47(1) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
ii) Ukoll, talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bħala detentur tal-liċenzja taħt xi dispozizzjonijiet ta' dan l-Att dwar l-Armi, naqas milli jħares il-pattijiet tal-liċenzja jew kellu fil-pussess tiegħu jew kien qed iġġorr xi arma tan-nar jew munizzjon mhux speċifikati fil-liċenzja maħruġa lilu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 52 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
iii) Ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar u/jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 5(3) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

iv) Ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bħala pussessur ta' liċenzja taħt Artikolu 27(1) tal-Kap. 480, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-liċenzja.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oġġetti u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u tħat it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perijodu applikabbli taħt l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Frar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 47, 52, 5(3) u 27(1) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundanatu għal sebgħa (7) xhur priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, din is-sentenza m'għandiex tibqa' sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' tmintax (18) -il xahar, il-ħati jikkometti reat tieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni tal-liċenzja tal-imputat taħt il-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perijodu ta' sena mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Vincent Abela, ippreżentat fis-17 ta' Frar 2022, fejn talab lil din l-Qorti tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena. B'mod alternattiv, huwa talab ukoll sabiex, *in vista* tal-fatti u l-provi kif esposti, tagħti piena aktar idonea għall-kaz in kwistjoni, billi tirriduċi l-piena inflitta ta' sentenza sospiza ta' ħabs u/jew tirriduċi s-sospensjoni tal-liċenzja tal-armi maħruġa bis-saħħa tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ma tordnax il-konfiska tal-oġġetti li ma kienux ezebiti mill-prosekuzzjoni.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant Vincent Abela.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju minnu ntentat l-appellant jilmenta illi sar apprezzament żbaljat fir-rigward tal-prova ewlenija f'dan il-proċess penali konsistenti fil-liċenzja tal-armi tan-nar mertu tal-każ u ċioe' tal-armi tal-marka *Webley & Scott* bin-numru serjali 44093, l-arma *ATA* bin-numru serjali 11/1431 u finalment dik tal-marka *Luigi Franchi* bin-numru serjali AH51837. Jilmenta illi l-unika prova li ressqet il-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' dawn l-armi kienet biss ix-xiehda permezz tal-*affidavit* ta' PC 541 L. Fava, għalkemm kien hemm uffiċjali oħra tal-Pulizija li kienu nvoluti fl-investigazzjoni.

Illi il-Qorti tistqarr minnufih illi l-Prosekuzzjoni naqqset kemmxejn milli tressaq il-provi kollha illi kellha f'idejha in konnessjoni ma' dan il-każ. Illi huwa minnu li għalkemm kien hemm uffiċjali oħra tal-Pulizija nvoluti fl-investigazzjonijiet, dawn baqgħu ma tressqux biex jixhdu mill-Prosekuzzjoni, fosthom PC 1209 Edmund Grima, kif ukoll l-uffiċjali tal-pulizija li għamlu ir-riċerka, kif igħid PC541, mill-*Control Room* dwar l-armi li l-appellant kellu reġistrati fuq ismu. Illi skont ix-xiehda ta' PC 541, mogħtija permezz tal-proċedura tal-*affidavit,* l-appellant stqarr miegħu li kellu ħames armi tan-nar reġistrati fuq ismu li minnhom tnejn ġew misjuba fir-residenza fejn kienu illiċenzjati, filwaqt illi tlieta oħra instabu f'postijiet oħra kif indikat mill-appellant stess u ċioe' tnejn ġewwa r-residenza ta' ommu Katherine Abela u waħda fir-residenza ta' ħuh, Paul Abela. Huwa inkontestat illi dawn l-aħħar tlett armi instabu imsakkrin. Meta l-kuntistabbli Fava għamel il-verifiki fuq il-post mal-*Control Room*, ġie lilu kkonfermat illi dawn it-tlett armi kienu reġistrati f'isem l-appellant, iżda ma kenux qed jinżammu fir-residenza reġistrata fil-liċenzja. Għalhekk dawn ġew elevati mill-pulizija u inħarrġu żewġ riċevuti waħda bin-numru 4175 u l-oħra bin-numru 4174.

Issa minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta illi minn dawn l-aħar żewġ riċevuti, għal xi raġuni, waħda biss ġiet ezebita mill-Prosekuzzjoni, u ċioe' dik bin-numru 4174 li permezz tagħha ġew elevati ż-żewġ armi tan-nar mir-residenza ta' omm l-appellant. L-oħra bin-numru 4175 ma hijiex esebieta in atti. Magħdud ma' dan mill-

verbal tal-unika seduta li inżammet quddiem l-Ewwel Qorti, dawn it-tlett armi tan-nar elevati mill-pulizija qatt ma ġew esebiti in atti la materjalment u wisq anqas formalment. Mhux biss, iżda fir-rigward taż-żewġ armi tan-nar li hemm indikati fir-riċevuta Dokument EM4 ġie verbalizzat hekk: "*Il-Prosekuzzjoni esebit ..... vera kopja ta' irċevuta li ġiet immarkata bħala Dok. EM4 li fuqha hemm indikati l-oġġetti li ġew formalment elevati.*" Biex b'hekk il-Qorti tinsab f'dubbju jekk l-armi fil-fatt ġewx effettivament elevati mil-pulizija.

Dan magħdud, madanakollu jirriżulta ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi l-appellant għandu liċenzja għal ġarr ta' arma tan-nar għal kaċċa ta' għasafar fuq l-art, għall ġarr ta' *shotgun* u/jew *rifle* tal-arja għall-kaċċa ta' fenek selvagg u ukoll għal ġarr ta' arma tan-nar għall-isparar fuq plattini minn u għal *range* liċenzjat, u dan kif jirriżulta mill-liċenzja li ġiet esebiti minn PC1193 Ryan Zammit u ċioe' id-Dokument RZ. L-armi tan-nar irreġistrati fuq ismu f'din il-liċenzja jidhru li huma tnejn u ċioe' żewġ *shotguns* tal-marki ANKAR u VURSAN liema liċenzja esebita tidher li tkopri is-sena 2020. Il-Liċenzja inħarġet fuq l-indirizz L-Għorfa, Triq il-Qortin, Zurrieq.

Dan ifisser illi it-tlett armi li allegatament ġew elevati mill-pulizija u li huma l-mertu ta' dawn il-proċeduri ma jidhrux li huma koperti bil-liċenzja maħruġa fuq isem l-appellant, għalkemm il-kuntistabbli Fava jindika illi mill-*Control Room* kienu indikawlu li dawn it-tlett armi igħajjtu lill-appellant u l-appellant stess jikkontendi lil dawn huma tiegħu.

Illi minn dawn ir-riżultanzi probatorji jemerġi illi, *ex admissis*, kemm lill-Pulizija kif ukoll lill-Ewwel Qorti bil-ġurament tiegħu, l-appellant jammetti illi l-armi *Luigi Franchi*, *Webley & Scott* u *ATA* jappartjenu lilu. Illi l-Qorti m'għandiex raġuni 'il għala ma temminx lill-appellant fuq dan, stante li kien hu stess li dderiġa lill-Pulizija d-dar ta' ommu u ta' ħuh fejn kien qed iżomm dawn l-istess armi, kif ukoll spjega, anke permezz ta' ritratti eżebiti, kif huwa kien iżżomm tali armi. Għalhekk prova lil min jappartjenu l-armi in kwistjoni inġiebet bix-xiehda ta'l-appellant stess. Inġiebet prova ukoll, mid-dokumentazzjoni mressqa minn PC 1193 Ryan Zammit, li dawn l-

istess armi pero' ma kienux irreġistrati f'isem l-appellant u ma kienux jifformaw parti mill-istess liċenzja li huwa ġja kellu.

Illi dan iwassal għat-tieni aggravju vventilat mill-appellant fejn huwa jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet enunċazzjoni zbaljata tal-liġi, ossia tal-Artikolu 5(3) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex ma kien hemm l-ebda ksur ta' kundizzjoni tal-liċenzja minn-naħa tal-appellant, ossia ukoll ksur tal-Artikoli 52 u 27(1) tal-Kapitolu 480 billi liċenzja eżebieta ma tindikax dawn l-armi. Illi l-Qorti tistqarr minnufih li ma tistax taqbel ma' dan l-argument difensjonali. Dak li wieħed irid jara hu jekk l-appellant kellux liċenzja biex iġorr arma (u/jew munizzjon) barra minn fond jew post li jagħmel mieghu u liema kienu dawk l-armi ndikati fil-liċenzja li huwa jista' jġorr għall-iskopijiet tal-istess liċenzja. Illi l-Artikoli 5(3) u 27(1) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponu illi:–

(a) **Applikazzjoni għal liċenzja taħt din it-Taqsima biex jinżammu f'xi fond armi tan-nar jew munizzjon għandhom jispeċifikaw liema jkun dak il-fond fejn ikunu ser jinżammu dawk l-armi tan-nar u munizzjon u l-liċenzja tingħata biss bil-kondizzjoni li l-armi tan-nar u munizzjon approvati jinżammu maqfulin b'mod sigur u separat f'dak il-fond u li dawk l-armi tan-nar jinżammu skargati.**
(b) **Kull kambjament fil-fond approvat għandu jiġi avżat lill-Kummissarju fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-datata' dak il-kambjament.**

Illi, kif ingħad, mill-Atti Proċesswali jirriżulta illi l-liċenzja tal-appellant għaż-żamma u ġarr ta' armi tan-nar ma tkopriex it-tlett armi tan-nar li nstabu fir-residenza ta' omm l-appellant, *ATA*:11/1431 u *air rifle Webley & Scott* 44093, u fir-residenza ta' ħuh *Luigi Franchi* AH51837. L-appellant allura m'għandux raġun meta jgħid li ġialadarba dawn l-armi ma jiffurmawx parti mill-liċenzja li kellu fuq ismu fis-sena 2020 u li hi eżebieta in atti, allura ma jistax jinstab ħati li kiser il-kundizzjonijiet ta' dik l-istess liċenzja. Dan għaliex l-appellant kiser il-kundizzjoni tal-liċenzja maħruga għaż-żamma u garr ta' armi tan-nar meta huwa żamm fil-pussess tiegħu armi tan-nar li ma kenux koperti b'dik il-liċenzja. Mhux biss iżda jidher illi l-appellant ma tax avviż li kellu dawn l-armi tan-nar fil-pussess tiegħu, u dan meta lanqas iressaq l-iċken prova sal-grad minnu mistenni illi huwa kien illiċenzjat li iġorr u jżomm dawn l-armi għal skopijiet ta' kaċċa.

Illi, l-istess raġunament jista' jingħad a rigward l-Artikolu 27(1) tal-istess Kapitolu tal-Liġi, li jaqra hekk kif isegwi –

> **Liċenzja maħruġa skont ma hemm f'dan l-Att għandha tkun bla ħsara għal kull kondizzjoni li l-Kummissarju jista' jqis li tkun adatta li jagħmel, u l-liċenzja għandha tindika l-kondizzjonijiet li taħthom id-detentur ta' liċenzja jkun jista' jakkwista, jittrasferixxi, iżomm jew ikollu fil-pussess tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari u munizzjon.**

Illi, minn naħa l-oħra l-Artikolu 52 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk kif isegwi –

> **Detentur ta' liċenzja taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att li jonqos milli jħares il-pattijiet tal-liċenzja jew li jkollu pussess jew ikun iġorr xi arma tan-nar jew munizzjon mhux speċifikati f'dik il-liċenzja, ikun ħati ta' reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawk l-artikoli u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux inqas minn tliet sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), jew il-piena ta' priġunerija għal mhux inqas minn tliet xhur u mhux iżjed minn ħames snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien. (enfazi tal-Qorti)**

Illi, huwa indubitat illi l-appellant kellu fil-pussess tiegħu armi tan-nar li ma kenux jirriżultaw fil-liċenzja tiegħu u kwindi din l-akkuża wkoll hija ippruvata billi dan l-istess artikolu tal-liġi jinkludi ukoll xenarju fejn persuna jkollha fil-pussess tagħha jew tkun qed iġorr xi arma tan-nar jew munizzjon mhux speċifikati fil-liċenzja. Dan propju jirrispekja l-kaz *de quo*, u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fil-konfront tal-appellant għall-imputazzjonijiet lilu addebitati.

Illi għalhekk huwa immaterjali dak li jikkontendi l-appellant fit-tielet aggravju minnu mressaq meta jilmenta li ma seta' qatt jinstab ħati tal-ewwel akkuza dedotta kontriħ taħt l-Artikolu 47(1) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta u dana għaliex huwa ressaq prova li fil-fatt l-armi tiegħu li nstabu fir-residenzi ta' ommu u ta' ħuh rispettivament kienu qegħdin ġewwa kabinett li jissakkar u li ċ-ċavetta ta' l-istess kienet fil-pussess tiegħu biss. L-appellant mhux biss naqas milli jirreġistra dawn l-

armi, iżda żammhom sparpaljati f'żewġ residenzi oħra fejn kienu igħixu terzi persuni li kellhom aċċess għal dawn l-armi u kwindi ma jistax jikkontendi illi dawn kienu taħt il-kustodja tiegħu. Illi kull min hu sid ta' arma tan-nar għandu jżomm dik l-arma b'mod illi ma tiġix f'idejn persuni oħra b'periklu ghas-saħħa u s-sigurta' ta' terzi. Mhux biss iżda għandu jara li dawn ikunu debitament liċenzjati u miżmuma għall-użu speċifikat fil-liċenzja u skont kif indikat f'dik il-liċenzja. Kwalsiasi vjolazzjoni tal-liċenzja għal żamma u ġarr ta' armi tan-nar għandha twassal ghas-sanzjoni tal-liġi. Il-liċenzja tinħareġ fuq l-armi indikati bin-numri tas-serje tagħhom u din ma tintitolax lill-liċenzjat li jżomm, iġorr jew juża kwalsiasi arma oħra li ma tkunx indikata f'dik il-liċenzja. "Il-licenzjar ghall-akkwist, zamma u uzu ta' armi regolari f'Malta huwa rimess lill-Kummissarju tal-Pulizija skont id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 480 tal-ligijiet ta' Malta. L-istess disposizzjonijiet jirregolaw lill-liċenzjat fil-modalita' ta' dik l-arma jew armi fil-parametri tal-licenzja lilu akkordata.[1]" Jekk allura il-liċenzjat ma jżommx jew juża l-arma fil-parametri ta' dik il-lienzja allura ikun hemm in-nuqqas ta' osservanza ta'l-istess.

Illi, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti jirriżulta illi ż-żewġ armi tan-nar li l-appellant kelluirreġistrati fuq ismu nstabu fil-fond indikat fil-liċenzja u kienu taħt il-kustodja tiegħu. Fir-rigward tat-tlett armi l-oħra ma jistax jingħad l-istess u dan għaliex il-liċenzja maħruġa f'ismu ma kenitx tkopri iż-żamma u il-ġarr ta' dawn l-armi tan-nar u allura hemm il-ksur sanzjonat bil-liġi meta l-appellant kien qed iżomm fil-pussess armi tan-nar mhux skont il-liċenzja maħruġa f'ismu. Mhux biss iżda dawn lanqas ma kienu qed jinżammu taħt il-kustodja tiegħu b'mod sikur u mhux aċċessibbli għal terzi persuni. Kwindi l-Qorti ma ssib xejn x'tissanzjona fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qort li sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonjiet lilu addebitati.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u ċioe dik ta' terminu ta' priġunerija ta' seba' xhur sospizi

[1] App. Krim. Il-Pulizija vs Aloysius Mangion – 69/2016 – deċiża 29/11/2018

għal tmintax-il xahar flimkien mal-konfiska ta' *corpus delicti* u sospensjoni tal-liċenzja għal sena. L-appellant huwa tal-fehma illi l-Ewwel Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa tiegħu, kif ukoll il-fatt illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2020.

Illi fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti huwa indubitat illi din taqa' sewwasew fil-parametri tal-liġi. Huwa minnu li l-appellant għandu fedina penali nadifa, iżda huwa minnu wkoll illi huwa għoġbu jżomm tlett armi tan-nar mingħajr ma jgħarraf lill-awtoritajiet bl-esistenza tagħhom. Kwindi l-Qorti ma tista' tara li hemm ebda mottiv li jista' jwassalha biex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fir-rigward.

Illi l-appellant jilmenta ukoll illi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti*, u dana għaliex l-istess qatt ma ġie ezebit quddiem l-istess Qorti mill-Prosekuzzjoni. Minn qari tal-verbal datat 11 ta' Frar 2022 jirriżulta li l-armi in kwistjoni qatt ma ġew ezebiti quddiem l-Ewwel Qorti, la materjalment u lanqas formalment. Kull ma ġiet ezebita kienet riċevuta mmarkata bħala Dok. EM4 "*li fuqha hemm indikati l-oġġetti li ġew formalment elevati*" u li, kif ingħad, ikopru biss tnejn mit-tlett armi tan-nar mertu ta' dawn il-proċeduri. Issa l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmel il-konfiska tassattiva u konsegwenzjali għal piena erogata meta tirriżulta l-ħtija fejn hemm dispost illi: -

> **"Il-Qorti għandha tordna l-konfiska ta' arma regolari jew munizzjon li jkunu qed jinżammu jew jinġarru, jiġu akkwistati jew ikunu fil-pussess, jiġu importati jew esportati, mibjugħin jew trasferiti bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att bħala konsegwenza tal-piena għal dak il-ksur."**

Issa l-armi tan-nar, kif ingħad, ma humiex esebiti in atti. Ir-riċevuta li l-Uffiċjal Prosekutur eżebixxa u allura tindika illi saret l-elevazzjoni ta' xi armi tan-nar hija dik li tkopri l-arma *Webley & Scott* u *AKA*, iżda mhux il-*Luigi Franchi*. Illi l-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova ulterjuri li turi lil Qorti fejn huma miżmuma dawn l-armi u jekk humiex fil-pussess tal-pulizija jew inkella għadhomx għand l-imputat u dan għaliex, kif ingħad, il-Prosekuzzjoni iddikjarat illi l-armi ġew formalment elevati u

allura hemm id-dubbju dwar fejn dawn huma kustoditi, Il-Qorti għalhekk tinsab fl-impossibilita' li tidentifika jekk l-armi tan-nar elevati mill-pulizija humiex dawk l-istess armi mertu ta' dawn il-proċeduri ġaldarba dawn qatt ma gew eżebiti in atti. Illi kien deċiż minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta illi:

> **M'humiex ta` ostaklu ghall-esebizzjoni formali ta` oggett taht l-awtorita` tal-Qorti l-fatt li dak l-oggett ma jkunx fil-pussess materjali ta` min qieghed jesebih, purche` tali oggett jigi identifikata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti bhala l-istess oggett elevat.[2] (sottolinjar tal-Qorti)**

Illi allura l-appellant għandu raġun fl-ilment tiegħu u dan għaliex ġaldarba il-prosekuzzjoni għoġobha ma tressaqx din il-prova tal-armi allegatament elevati mill-pussess tal-appellant il-Qorti tinsab fl-impossibilita' li tidentifikahom bħala l-istess oġġetti elevati u allura li tordna il-konfiska tagħhom meta lanqas ma jirriżulta fejn jinstabu dawn l-armi.

Finalment l-appellant jilmenta ukoll li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja tiegħu. Issa l-Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ċar meta jiddisponi illi "**Il-Qorti tista' tħassar jew tissospendi liċenzja maħruġa taħt dan l-Att u tipprojbixxi lil persuna milli jkollha xi liċenzja taħt dan l-Att għal żmien mhux iżjed minn ħames snin meta dik il-persuna tinsab ħatja ta' reat taħt dan l-Att**". Għalhekk, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja tal-appellant u lanqas hawn ma hemm lok li din id-diskrezzjoni minnha eżerċitata tiġi varjata.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u fejn huwa kien ikkundannat għal piena ta' seba' xhur priġunerija sospizi għal tmintax-il xahar, bis-saħħa tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll fejn ordnat s-sospensjoni tal-liċenzja tal-appellant għall-perijodu ta' sena. Iżda tirrevokaha**

[2] Il-Pulizija vs Noel Farrugia -1995 Frar 03 – App.Inf.

**f'dik il-parti fejn ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti*, billi din qatt ma kienet eżebita in atti.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**